**FESTA TA' SAN NIKOLA 1979**
**KUMITAT TAN-NAR — RENDICONT**

**DĦUL**

| | |
|---|---|
| Bilanc mis-sena 1978 | 92.50,0 |
| Gbir mill-borza | 1187.52,0 |
| Xogħol tan-nar ta' L-Imsida | 214.00,0 |
| Gabra bl-envelopes | 315.00,0 |
| Bejh ta' kalendarji | 25.20,0 |
| Mix-xogħol ta' logħob tan-nar ta' lejliet il-festa | 100.00,0 |
| Gbir mill-programmi | 85.00,0 |
| Fiera | 112.00,0 |
| Minn xogħol ta' porvli | 150.00,0 |
| Donazjonijiet | 35.00,0 |
| TOTAL | 2316.22,0 |

**ĦRUG**

| | £M. c m |
|---|---|
| Spejjes f'materjal għal-xogħol tan-nar. | |
| L-ewwel parti | 556.00,0 |
| It-tieni parti | 900.00,0 |
| It-tielet parti | 626.00,0 |
| Ħlas għall-banda ta' St. Patrick's Sliema | |
| Fl-ewwel tridu | 45.00,0 |
| Stampar tal-kalendarji | 12.00,0 |
| Stampar tal-programm | 14.00,0 |
| Spejjes għall-bandiera | 12.00,0 |
| Spejjes oħra: (zebgħa, gir, bozoz, tqieq, hardboard, imsiemer, wire, ecc.) | 34.08,0 |
| TOTAL | 2199.08,0 |

| | £M. c m |
|---|---|
| Dħul totali | 2316.22,0 |
| Ħrug totali | 2199.08,0 |
| Bilanc għas-sena 1980 | 117.14,0 |


**ANTHONY PACE**

STONE TURNER &

SCULPTOR

*"UCCELLI D'ORO HOUSE"*
ST. MARGARET STREET

SIGGIEWI

TEL: 607615

**John Jane Hall**

Dr. Nichola Zammit Str., Siggiewi.
L-ISBAH SALA SPAZJUŻA W MODERNA LI HEMM ĠOS-SIGGIEWI GĦAT-TIĠIJIET, PARTIES, ECT.
prop. JOHN MICALLEF
37, St. Margaret Str., Siggiewi. Tel. 610839


Progress Press — Malta



**PROGRAMM**
**TAD-DILETTANTI**
**TAN-NAR**
**FL-OKKAZZJONI**
**TAL-FESTA**
**TA' SAN NIKOLA**
**15 — 22 TA' GUNJU 1980**

## Il-Kelma tal-Kumitat

Regghet waslet il-festa tar-rahal. Wasal Gunju u bhal fis-snin l-imghoddijja mieghu gabilna l-festa tal-patrun taghna San Nikola. Ilna nistennewha sena, izda iktar ma joqrob iz-zmien iktar nistennewha, iktar nixtiquha. Il-festa ta' San Nikola mhix il-festa ta' xi hadd, ta' xi grupp, ta' xi ftit, izda hija l-festa taghna s-Siggiewin kollha.

U biex tirnexxi, ahna s-Siggiewin kollha naghtu s-sehem taghna, kbir jew ftit inqas kbir. Inzejnu d-djar, inzejnu t-toroq, inzejnu l-knisja, biex kull min jersaq lejn ir-rahal taghna jinduna li ahna qeghdin niccelebraw l-ikbar okkazjoni, l-ikbar festa li ghandna, l-festa ta' San Nikola. Ahna d-dilettanti tal-loghob tan-nar, bhalma ghamilna fl-imghoddi, ghamilna wkoll din is-sena. Forsi wkoll xi ftit iktar mis-sena l-ohra, ahna tajna s-sehem taghna biex din is-sena jkollna festa kbira, anzi ikbar mis-soltu.

Bhalma tistghu taraw minn dan il-programm tal-hruq tan-nar, li ahna qeghdin nipprezentawlkom se jkollna programm mimli u varjat tassew. Bhas-soltu se nibdew mill-Hadd ta' qabel il-festa meta nohorgu l-istatwa ta' San Nikola min-nicca. Hekk inkomplu sejrin matul il-granet tat-Tridu, nhar lejliet il-festa, sakemm naslu ghall-gurnata tal-festa. Varjeta kbira ta' xoghol: murtali, murtaletti, beraq pront, serpentelli, murtali tal-kulur, kaxxi nfernli, kaxxi infernali tal-kulur, u l-famus loghob ta' l-art, ta' lejliet il-festa. Se jkollna hafna biex wiehed jiehu gost.

Ghalhekk hdimna matul is-sena. Ghaliex dan il-loghob tan-nar, li se nipprezentawlkom matul il-granet tal-festa huwa frott ta' xoghol u sagrificcju ta' sena shiha. Ghaliex bhalma kulhadd jifhem, dak li jrid ftit sekondi biex jinharaq, irid sieghat biex jinhadem u jitlesta. Imma ahna qatt ma ddejjaqna mix-xoghol, sakemm nilhqu l-mira taghna, li naghmlu festa kbira u sabiha, daqs u ikbar minn dik tas-sena li ghaddiet.

Izda zgur li dak li ahna ghamilna, ma kienx ikun possibli minghajr il-ghajnuna taghkom. Huwa dmir taghna llum, li nghidu grazzi mill-qalb lil kulhadd. Grazzi lil kull min ik-kontribwixxa, hafna jew ftit, biex ahna nkunu nistghu nixtru l-materjal, ghax-xoghol tan-nar, li kull ma jmur dejjem qieghed joghla. Grazzi lil kull min taghna daqqa t'id, biex stajna nlestu dan ix-xoghol kollhu. Grazzi minn qabel lil kull min se joffrielna l-ghajnuna tieghu matul dawn il-granet li gejjin.

Bil-qalb kollha nistiednu lilkom ilkoll biex tigu u tiehdu gost b'dan ix-xoghol li ahna qeghdin nipprezentaw. Nixtiequ lil kulhadd il-festa t-tajba.

Nappellaw lil genituri biex kemm jista' jkun ma jhallux lil uliedhom jersqu lejn fejn ikun isir il-hruq tan-nar, biex hekk jigu evitati ncidenti li jistghu jtellfuna l-gost tal-festa.

VIVA SAN NIKOLA.

**IL-KUMITAT.**

## PROGRAMM TAD-DILETTANTI TAN-NAR FL-OKKAZZJONI TAL-FESTA TA' SAN NIKOLA

### 15 — 22 TA' GUNJU 1980

**IL-ĦADD 15 TA' ĠUNJU**
Fit 8.00 p.m. L-istatwa ta' San Nikola tinhareg min-nicca u titqieghed fil-knisja. Salut, hruq ta' kaxxa nfernali u murtaletti.
Fit 8.15 p.m. tibda il-fiera, fejn ikun hemm fniek, mbid u loghob iehor.

**L-ERBGĦA 18 TA' ĠUNJU**
L-ewwel jum tat-tridu. Wara il-funzjoni tal-knisja jsir hruq ta' kaxxa nfernali u murtaletti.

**Il-ĦAMIS 19 TA' ĠUNJU**
It-tieni jum tat-tridu.
Filghaxija wara il-funzjoni tal-knisja isir hruq ta' kaxxa nfernali, u murtaletti.

**Il-ĠIMGĦA 20 TA' ĠUNJU**
L-ahhar jum tat-tridu.
Filghaxija wara il-funzjoni tal-knisja isir hrug ta' kaxxa nfernali, u murtaletti.

**IS-SIBT 21 TA' ĠUNJU**
Fit-7.45 a.m. waqt it-Te Deum, kaxxa nfernali u murtaletti.
Fis-6.30 p.m. Translazzjoni, salut, kaxxa nfernali u loghob tan-nar fl-ajru ta' murtaletti.
Fid-9.45 p.m. hruq ta' beraq pront u murtali tal-kulur, kaxxa nfernali tal-kulur u wara esibizjoni ta' loghob tan-nar artistiku fil-pjazza.

**Il-ĦADD 22 TA' ĠUNJU: JUM IL-FESTA**
Fit-8.00 a.m. hrug ta' kaxxa nfernali, u mutaletti.
Fis-7.30 p.m. purcissjoni bl-istatwa ta' San Nikola, salut, kaxxa nfernali u hruq ta' murtaletti.
Fid-9.00 hruq ta' beraq pront u murtali tal-kulur. Hi u diehla l-purcissjoni tigi mahruqa kaxxa nfernali tal-kulur.

**Dan in-nar kollu huwa xoghol ta' Dilettanti Siggiewin.**

---

**Il-Kumitat tan-nar irodd hajr lil-dawk kollha li ghinu biex dan il-Programm jirnexxi.**